**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru**: **42/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Christopher Borg**

**Illum, 14 ta' Marzu, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Christopher Borg,** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 141979M.
>
> Billi huwa akkuzat talli: fis-17 ta' Jannar 2019 u fil-jiem ta' qabel din id-data gewwa s-Siggiewi, Haz-Zebbug u Hal-Qormi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda u cioe': fil-lejl ta' bejn l-14 ta Dicembru 2018 u t-15 ta' Dicembru 2018 gewwa Triq Hat-Attard, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer ttanta li jisraq minn gewwa

vettura, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu, liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Nicholas Casha u/ jew persuni ohra.

**U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi:** volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47 euro) ghad-detrimemt ta' Nicholas Casha u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl ta' bejn l-21 ta Dicembru 2018 u t-22 ta' Dicembru 2018 gewwa Triq id-Deheb Fin, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer ttanta li jisraq minn gewwa vettura, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta' tieghu, liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Wayne Abela u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Dicembru 2018 gewwa Triq Ix-Xitwa, Qormi u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura ikkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Andrew Psaila u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl ta' bejn l-24 ta' Dicembru 2018 u s-26 ta' Dicembru 2018 gewwa Triq Mikielang Sapiano, Haz-Zebbug u f'dawn il-Gzejjer ittanta li jisraq minn gewwa vettura, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta' tieghu, liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Pierre Attard u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' Dicembru 2018 gewwa Triq Bellic, Qormi u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Francis Attard u/jew persuni ohra.

**U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi:** volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47 euro) ghad-detrimemt ta' Francis Attard u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** nhar is-27 ta' Dicembru 2018 ghal habta ta' 21:30hrs minn gewwa Triq Brija s-Siggiewi u f'dawn il-Gzejjer, ittanta jisraq minn gewwa vettura, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta' tieghu, liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Emanuel Joseph Azzopardi u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl ta' bejn l-31 ta' Dicembru 2018 u l-01 ta' Jannar 2019 gewwa Triq Karmen Micallef Buhagiar u f'dawn il-Gzejjer ttanta li jisraq minn gewwa vettura, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta' tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Mark Philip Borg u/ jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl ta' bejn l-4 u 5 ta' Jannar 2019 gewwa Triq il-Prof. Nerik Vassallo, Siggiewi u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa

vettura ikkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Nicholas Greg Darmanin u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47 euro) ghad-detrimemt ta' Nicholas Greg Darmanin u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** bejn is-7 u 9 ta' Jannar 2019 gewwa Triq il-Knisja l-Qadima s-Siggiewi u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura kkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Emmanuel Borg u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl bejn il-15 u 16 ta' Jannar 2019 gewwa Triq Ramija, s-Siggiewi u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura kkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Nicolai Aquilina u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl bejn il-15 u 16 ta' Jannar 2019 gewwa Triq Ramija, s-Siggiewi u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura tal-ghamla Kia bin-numru ta' registrazzjoni BAB-461 ikkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Melvin Deguara u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl bejn is-16 u 17 ta' Jannar 2019 gewwa Triq tal-Gholja, Siggiewi, u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura kkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bix-xorta

tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Peter Paul Sammut u/jew persuni ohra.

**U aktar talli:** fil-lejl bejn is-16 u 17 ta’ Jannar 2019 gewwa Triq San Gakbu, Siggiewi, u f’dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura kkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Victor Axisa u/jew persuni ohra.

Finalment huwa akkuzat talli b’hekk sar recidiv a terminu ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.”

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat li fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2019 quddiem din il-Qorti waqt l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali huwa wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan gie registrat ukoll fil-verbal tal-istess seduta.

Ikkunsidrat:

**L-akkuza**

Illi l-imputat huwa akkuzat bi tlett reati maghmula f'diversi okkazzjonijiet a detriment ta' diversi persuni, apparti r-recidiva.

Illi t-tlett tipi ta' reati huma:

1. *b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda u cioe' ttanta li jisraq minn gewwa vettura, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu, liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta'...*

2. *volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47 euro) ghad-detriment ta'....*

3. *ttanta li jisraq minn gewwa vettura, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta' tieghu, liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa/bil-hin u bix-xorta ghad-detriment ta'......*

Il-Qorti, in vista tal-ammissjoni tal-imputat, wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti setgħet timponi l-piena ta' priġunerija jew pieni oħra, u wara li tagħtu żmien sabiex anke jikkonsulta ma' l-Avukat tiegħu u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, fil-presenza tal-Avukat Dr. Joseph Brincat tenna l-ammissjoni tiegħu u wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti kif presjeduta rat li l-imputat kien deċiż fid-deċiżjoni tiegħu li jammetti l-ħtija.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, rat li tista' tgħaddi biex tgħati s-sentenza minnufih.

Illi d-Difiza pero' talbet 'pre-sentencing report' u ghalhekk il-kawza giet differita ghal dan il-ghan.

Illi fis-seduta tal-lum stess, qabel ma inghatat is-sentenza, il-Qorti, in vista tal-ammissjoni tal-imputat, regghet staqsiet lill-imputat jekk fehemx l-imputazzjonijiet kollha; jekk jafx x'inhi l-piena għal kull waħda mill-imputazzjonijiet; u informat lill-istess hija stess bil-pieni applikabbli għal kull waħda mill-imputazzjonijiet;

U Wara li l-Qorti tat lill-imputat zmien xieraq skont il-liġi, il-Qorti reġgħet staqsiet espliċitament lill-imputat (1) jekk ingħatax żmien biżżejjed biex jikkontempla dwar id-dikjarazzjoni ta' htija tieghu; (2) jekk fehemx l-imputazzjonijiet kollha; (3) jekk jafx x'inhi l-piena għal kull waħda mill-imputazzjonijiet; u (4) reġgħet informat lill-istess hija stess bil-pieni applikabbli għal kull waħda mill-imputazzjonijiet;

L-imputat rega' wieġeb fl-affermativ għad-domandi u reġa' ddikjara li huwa ħati.

**Provi**

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li dawn huma sodisfaċentement pruvati.

Għalhekk, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ħlief tiddikjara lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi fit-trattazzjoni tal-Partijiet fir-rigward tal-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-każ, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li wara l-arrest, l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija.

Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar xi tkun il-piena idoneja f'dawn iċ-ċirkostanzi. Il-Qorti rat illi l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri fl-ewwel udjenza u dan il-fattur ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-piena li ser tiġi inflitta.

Illi l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija fis-sens illi stqarr ħtijietu meta huwa ġie mitkellem mill-Pulizija u ta' dettalji konkreti tas-serq u ħsara li kkommetta u r-raġuni għaliex wettaq is-serq.

Illi mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li minn qari tal-fedina penali tal-imputat jirriżulta li huwa kien diġa ġie misjub ħati diversi drabi għal reati konnessi mal-pussess ta' drogi, u li gia ingħata sentenzi ta' liberazzjoni kondizzjonata jew probation order. Illum l-imputat għandu 39 sena u ghalhekk messu ha l-opportunitajiet li gia inghata sabiex jindirizza dawn is-sitwazzjonijiet xejn sbieh f'hajtu u ma jergax lura ghall-hajja refrattarja tieghu.

Id-Difiza ssottomettiet li l-imputat għandu problema tad-droga, liema problema ilha sa minn eta' zghira u li l-imputat kien lest jaghmel programm ta' riabilitazzjoni. Illi pero mill-pre-sentencing report jirrizulta li l-imputat m'ghadx ghandu dak l-interess.

Illa sabiex ma jkun hemm l-ebda malintiz dwar dan, il-Qorti, fl-ahhar seduta staqsiet specifikatament lill-imputat jekk ghadux intiz li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni u l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Il-Qorti, f'kull kaz, ghandha wkoll tqis mhux biss id-drittijiet tal-imputat izda wkoll is-socjeta li qieghed jghix fiha u kemm jista' jkun ghandu jinstab bilanc u ekwilibriju bejn id-drittijiet tal-imputat u l-obbligi tieghu versu s-socjeta, kif ukoll id-drittijiet tal-vittmi tal-azzjonijiet kommessi mill-imputat.

Il-Qorti rat ukoll li f'dan il-każ l-imputat ammetta għal sbatax il-imputazzjoni, li kienu jinkludu mhux biss imputazzjonijiet ta' serq u hsara volontarja, iżda hemm ukoll l-imputazzjoni tar-reċidiva.

Il-Qorti trid tippuntwalizza li, f'dan il-każ, peress li għal aktar minn darba fis-sejbien ta' ħtija preċedenti il-pieni li kienu ġew inflitti fuqu kienu dawk stabbiliti mill-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, hija kienet sejra tieħu kont tar-reċidiva biss fit-termini permissibbli mill-Artikolu 25(1) (a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-banda l-oħra minħabba li kien diġa ingħata diversi opportunitajiet oħra taħt l-Att dwar il-Probation din il-Qorti illum għandha jdejha marbuta ukoll minn dak li tipprovdi l-ligi.

Il-Qorti f'dan il-każ ma tistax timponi ordni ta' servizz fil-komunita' in kwantu tagħraf li minħabba l-vizzju tal-abbuż mid-droga li jidher li huwa afflitt minnu l-imputat, tali vizzju mhux kompatibbli ma' din il-piena tant li l-prassi tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole huwa ċar li f'dawn il-każijiet ma jirrakkomandawx li tingħata din il-miżura alternattiva. U dan bir-raġun għaliex jekk jingħata dan il-provvediment jistgħu ikunu mqegħda f'perikolu nies oħra innoċenti li jkun jista' jiġi f'kuntatt magħhom l-imputat meta jmur iwettaq ix-xogħol komunitarju.

Mill-banda l-oħra il-Qorti tqis li f'dan il-każ, minħabba l-kwantita' ta' reati li bihom jinsab mixli l-imputat u l-modalita' ta' kif dawn ir-reati ġew imwetqa, hemm lok li l-imputat jiġi mogħti l-benefiċċju mħaddem mill-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Minkejja dan xorta jibqa' l-fatt li b'dan l-Artikolu, u bir-reati kommessi l-imputat huwa soġġett għal piena karċerarja oltre ħames snin priġunerija u dan mingħajr kunsiderazzjoni tar-reċidiva.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti mhix sejra timponi l-piena karċerarja la fil-massimu iżda l-anqas fil-minimu tagħha. Biss il-Qorti temmen li minbarra li jsegwi perkors ta' rijabilitazzjoni huwa meħtieġ għall-imputat li jinżamm 'il bogħod minn ambjenti fejn ikun hemm id-droga faċilment aċċessibbli.

Il-Qorti tikkjarifika illi l-imputazzjonijiet tal-ħsara volontarja kaġunata bil-ksur biex l-imputat aċċeda għall-vetturi tal-vitmi u b'hekk ikun jista' jisraq minnhom qegħdin, għall-fini ta' piena, jitqiesu li huma kompriżi fil-kwalifika tal-mezz fis-serq taht l-imputazzjonijiet l-ohra rispettivament.

Għaldaqstant, il-Qorti :
Wara li rat l-Artikoli 17 (b), (d) u (h), 18, 20, 22, 31, 41 (1) (a), 49, 50, 261(b) (f) u (g), 263, 264, 265, 270, 271, 278, 281, 289 u 325(1)(c) u tal-Kapitolu 9 u 25 (1) (a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, issib lill-imputat Christopher Borg ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar mil-lum.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex, wara d-debita evalwazzjoni, jipprovdi lill-imputat Christopher

Borg l-għajnuna u l-assistenza meħtieġa sabiex iwettaq b'suċċess proċess ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mid-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur